INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Aġġornament tal-ammonti ta' referenza għall-qsim tal-fruntieri esterni, kif imsemmi fl-Artikolu 6(4) tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)

(2016/C 248/07)

Il-pubblikazzjoni ta' ammonti ta' referenza għall-qsim tal-fruntieri esterni, kif imsemmi fil-Artikolu 6(4) tar- Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 li jistabbilixxi Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) [1] hija bbażata fuq l-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 39 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (kodifikazzjoni).

Minbarra l-pubblikazzjoni fil-ĠU, huwa disponibbli aġġornament ta' kull xahar fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Interni.

IL-KROAZJA

Emenda fl-informazzjoni ppubblikata fil-ĠU C 269 tat-18.9.2013

Ċittadini ta' pajjiż terz għandhom jagħtu prova li huma għandhom mezzi finanzjarji suffiċjenti kemm sabiex isostnu lilhom infushom matul is-soġġorn tagħhom fir-Repubblika tal-Kroazja kif ukoll għar-ritorn lura lejn il-pajjiż ta' oriġini jew it-tranżitu għal pajjiż terz.

Meta ċittadini ta' pajjiż terz jidħlu fir-Repubblika tal-Kroazja, istituzzjoni responsabbli mill-kontroll tal-qsim tal-fruntieri hija awtorizzata li titlobhom jippreżentaw il-mezzi finanzjarji meħtieġa sabiex isostnu lilhom infushom matul is-soġġorn tagħhom fir-Repubblika tal-Kroazja u għar-ritorn lura lejn il-pajjiż ta' oriġini jew it-tranżitu għal pajjiż terz.

L-ammont ta' mezzi finanzjarji huwa ffissat għall-ekwivalenti ta'70 EUR (fi kliem: sebgħin euro) kuljum għas-soġġorn stmat fir-Repubblika tal-Kroazja.

Jekk ċittadini ta' pajjiż terz ikunu f'pussess ta' ittra ċertifikata ta' garanzija minn persuna naturali jew ġuridika mir-Repubblika tal-Kroazja, prova ta' prenotazzjoni turistika jew dokument simili, għandhom jippreżentaw prova li jippossjedu l-ammont ekwivalenti ta' 30 EUR (fi kliem: tletin euro) kuljum għas-soġġorn stmat fir-Repubblika tal-Kroazja.

B'eċċezzjoni jekk ċittadini ta' pajjiż terz ikunu f'pussess ta' ittra ċertifikata ta' garanzija minn persuna naturali jew ġuridika mir-Repubblika tal-Kroazja li minnha jidher ċar li l-garanti jkopri b'mod sħiħ l-ispejjeż relatati mas-soġġorn u t-tluq mir-Repubblika tal-Kroazja, iċ-ċittadini ta' pajjiż terz jkunu eżenti mill-obbligu li jagħtu prova li għandhom il-mezzi msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artiklu.

Lista ta' pubblikazzjonijiet preċedenti

ĠU C 247, 13.10.2006, p. 19

ĠU C 153, 6.7.2007, p. 22

ĠU C 182, 4.8.2007, p. 18

ĠU C 57, 1.3.2008, p. 38

ĠU C 134, 31.5.2008, p. 19

ĠU C 37, 14.2.2009, p. 8

ĠU C 35, 12.2.2010, p. 7

ĠU C 304, 10.11.2010, p. 5

ĠU C 24, 26.1.2011, p. 6

ĠU C 157, 27.5.2011, p. 8

[1] Ara l-lista ta' pubblikazzjonijiet preċedenti fl-aħħar parti ta' dan l-aġġornament.

ĠU C 203, 9.7.2011, p. 16

ĠU C 11, 13.1.2012, p. 13

ĠU C 72, 10.3.2012, p. 44

ĠU C 199, 7.7.2012, p. 8

ĠU C 298, 4.10.2012, p. 3

ĠU C 56, 26.2.2013, p. 13

ĠU C 98, 5.4.2013, p. 3

ĠU C 269, 18.9.2013, p. 2

ĠU C 57, 28.2.2014, p. 1

ĠU C 152, 20.5.2014, p. 25

ĠU C 224, 15.7.2014, p. 31

ĠU C 434, 4.12.2014, p. 3

ĠU C 447, 13.12.2014, p. 32

ĠU C 38, 4.2.2015, p. 20

ĠU C 96, 11.3.2016, p. 7

ĠU C 146, 26.4.2016, p. 12.